KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888, Mob. 99719801, Fax: 21583058

# Laqgħa Urġenti tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar, Laqgħa Numru 40, miżmuma nhar il-15 ta' Settembru 2017, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta neqsin ħamsa ta' filgħaxija.

---

Preżenti
Membri Preżenti:

- Graziella Galea — Sindku
- David Thake — Vici Sindku (17:55)
- Anne Fenech — Kunsillier
- Antonette Bezzina — Kunsillier
- Daniel Grima — Kunsillier
- Joseph Vella — Kunisllier
- Paul Bugeja — Kunsillier (sa 18.05)

Membri Skużati:

- Matthew Barbara — Kunsillier
- Alfred Grima — Kunsillier
- Raymond Tabone — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Robert Piscopo — Kunsilier
- 
- Mandy Buhagiar — Kunsillier

Deputat Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

Kien hemm preżenti ukoll l-accountant tal-Kunsill is-Sna. Romina Perici Ferrante

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888, Mob. 99719801, Fax: 21583058

**AĠENDA**

40. 1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

40. 2 Approvazjoni ta' Rapporti

a. Quarterly Financial Statement
b. Quotes
    i. Tabelli
    ii. Power Washer

Il-Laqgħa nfetħet mis-Sindku, il-Perit Graziella Galea.
Is-Sindku fetħet il-laqgħa billi rringrazzjat lill-membri tal-attendenza.

**40.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji**

Il-kunsillier Alfred Grima informa li probabli mhux ser jattendi minħabba li impenjat fuq proġett tiegħu, il-Kunsillier Tabone informa li ser ikun fuq btala Għawdex u li probabli mhux ser ilaħħaq jiġi, il-Kunsillier  Cremona informa lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv li ser ikun imsiefer, il-Kunsillier Barbara informa li ser ikun xogħol, il-Kunsillier Buhagiar infurmat li għandha impenn ieħor u l-Kunsillier Piscopo informa li ser ikun indispost minħabba impenn personali.

Is-Sindku proponiet li niddiskutu r-rapporti tal-bord ta' evalwazzjoni. Kien hemm qbil dwar dan.

**1. Approvazjoni tar-rapport tal-Bord ta' l-evalwazzjoni dwar xiri ta' tabelli**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-Bord tal-evalwazjoni ghall-kwotazjoni numru SPB Q3/2017 – Xiri ta' Tabelli. Il-laqgħa waqfet għal ftit u l-live streaming ġie mitfi sakemm ġie diskuss ir-rapport tal-Bord ta' evalwazzjoni.  Wara li l-laqgħa kompliet,

il-membri qablu unanimament mar-rapport.

Sindku – Mayor : Graziella Galea
Viċi Sindku – Vice Mayor : David Thake
Kunsilliera – Councillors : Alfred Grima, Raymond Tabone, Paul Bugeja, Mandy Buhagiar, Anne Marie Fenech, Robert A. Piscopo, Joseph Vella, Antoinette Bezzina, Matthew Barbara, Stephen Cremona, Daniel Grima
Agent Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888, Mob. 99719801, Fax: 21583058

**Approvazjoni ta' rapport tal-Bord ta' l-evalwazzjoni dwar xiri ta' power washer**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-Bord ta l-evalwazjoni ghall-kwotazjoni numru SPB Q2/2017 – Xiri ta' Powerwasher. Il-laqgħa waqfet għal ftit u l-live streaming ġie mitfi sakemm ġie diskuss r-rapport tal-Bord ta' evalwazzjoni.  Wara li l-laqgħa kompliet,

il-membri qablu unanimament mar-rapport.

**Quarterly Financial Statements**

Id-Deputat Segretarju eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-Quarterly Financial Statements għax-xhur April sa Ġunju 2017. Is-Sur Paul Bugeja staqsa jekk fl-aħħar laqgħa dan ir-rapport ma kienx ippreżentat għaliex l-accountant ma kinitx preżenti.  Is-Sindku Graziella Galea qalet li kien hemm materja iktar urġenti x'tiġi diskussa filwaqt li ma kinitx saret komunikazjoni ċara mas-sinjura Perici Ferrante, u ghaldaqstant kienet mexxit bl-aġenda. Wara kien waqa l-kworum u għalhekk dan ma setax jiġi approvat.

Is-Sur Bugeja rrimarka li ladarba dan ma kinx diskuss fl-aħħar laqgħa, iqis li mhux urġenti li wieħed jiddiskuti dan ir-rapport u talab li jiġi skużat mil-laqgħa minħabba impenji personali.

Il-laqgħa ntemmet fis-sitta u ħamsa ta' filgħaxija, minħabba li waqa' l-kworum.

Peress li l-ispegazjoni tar-rapport ma kinitx tilob li jkun hemm kworum, is-sinjura Perici Ferrante intalbet tati spegazzjoni tar-rapport finanzjarju u dan jittella' għall-approvazjoni fil laqgha li jmiss.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________________ | ___________________________ |
| Graziella Galea | Elke Sghendo |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Approvati llum 16 ta' Novembru 2017 | |

Sindku – Mayor : Graziella Galea
Viċi Sindku – Vice Mayor : David Thake
Kunsilliera – Councillors : Alfred Grima, Raymond Tabone, Paul Bugeja, Mandy Buhagiar, Anne Marie Fenech, Robert A. Piscopo, Joseph Vella, Antoinette Bezzina, Matthew Barbara, Stephen Cremona, Daniel Grima
Agent Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla